**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Seduta Collisions**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Leonard Falzon**

**Illum, 11 ta’ Novembru, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li nhargu fil-konfront ta’ Leonard Falzon, bil-karta tal-identità numru 42968M, li permezz taghhom gie akkuzat talli fl-24 ta’ Ottubru 2012, ghall-habta tal-15:15hrs gewwa Triq Sant’ Anna Floriana, saq BUS 133, u b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontajrament ikkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Freddy Masiwawa Makombo, skont kif iccertifikat Dr Amanda Saliba MD mill-Floriana Health Centre.

Il-Qorti giet miltuba biex tiskwalifika lill-imputat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perijodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha ta' din il-kawza, kif ukoll l-atti tal-kawza fl-ismijiet, Pulizija vs Joseph Mario Cuschieri.

**Ikkunsidrat**

L-imputat qed jigi mixli li b'nuqqas ta' hsieb, traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, huwa nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Freddy Masiwawa Makombo.

Il-Qorti fliet il-process kollu. Jirrizulta li din ix-xarabank bin-numru BUS 133, kienet wahda minn tlieta li kienu nvoluti f'incident li sehh fejn il-mina ta' Bieb il-Bombi, Floriana. Irrizulta li x-xarabank bin-numru BUS 101, habtet fuq wara tal-BUS 133. Kagun ta' hekk, ix-xarabank bin-numru BUS 133 marret lejn in-naha tax-xellug tal-karreggjata, u spiccat bi hsara ta' natura konsiderevoli fuq il-warrani taghha, lejn in-naha tal-lemin. (Vide pagna 18 tar-rapport tal-Espert Joseph Zammit u xhieda moghtija mill-imputat). Mill-banda l-ohra, il-BUS 101 baqghet issuq, u baqghet diehla go arblu. Dan jirrizulta wkoll mix-xhieda li ngabret fl-atti ta' l-inkjesta partikolarment mid-depozizzjoni moghtija minn Makombo Freddy Masiwana lill-espert Mario Buttigieg, liema xhieda ngabret wara li l-istess Makombo Freddy Masiwana nghata d-debita twissija u nghata wkoll id-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu. L-istess Makombo Freddy Masiwana kien deher imbaghad quddiem din il-Qorti hekk kif ippreseduta waqt is-smigh tal-kawza Pulizija vs Joseph Mario Cuschieri, izda kien ghazel li ma jixhidx (Vide verbal tat-8 ta' Marzu 2019).

Minn din l-espozizzjoni ta' fatti, kif ukoll wara li l-Qorti fliet il-provi li tressqu, ma tqisx li din l-imputazzjoni fil-konfront tal-imputat, giet b'xi mod ippruvata mill-

Prosekuzzjoni. Ghal kuntrarju, mill-provi prodotti jirrizulta, li l-imputat kien qed isuq b'diligenza, u kien prudenti bizzejjed fis-sewqan tieghu, tant li ha l-prekawzjonijiet necessarji, u evita li jwegghu b'xi mod il-passiggieri li kienu fuq ix-xarabank misjuqa minnu.

**Decide**

**Ghaldaqstant, din il-Qorti mhux qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni mressqa fil-konfront tieghu, u qed tilliberah minn kull kundanna u htija.**

**Magistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**

**Deputat Registratur**